**QORTI TAL-MAGISTRATI**
**(MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

| | |
|---|---|
| Kaz Numru | **602/2014** |
| Magistrat | **FARRUGIA FRENDO CAROLINE** |
| Data tas-Seduta | **08/02/2018** |
| Okkio | **IL-PULIZIJA vs MANGION EMANUEL** |

---

Meta ssejhet il-kawza deher l-Ispettur Johann J. Fenech ghal Prosekuzzjoni.

Deher l-imputat assistit minn Dr. Henry Antoncich.

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghal verbal li sar fl-ahhar seduta a fol 23 tal-process datat 25 ta' Jannar, 2018 meta l-Qorti rat lil Marcelle Farrugia f'distanza qasira hafna u rat wiccha fejn sofriet il-harqa tal-gilda fil-haddejn tan-naha l-leminija tal-wicc taht l-ghajnejn u ma jidher li ma baqa' l-ebda marka jew tracca tal-griehi li setghet sofriet. Dan qed jinghad konguntivament mal-fatt illi c-certifikat mediku esebit a fol 2 tal-process fejn jindika li n-natura tal-griehi, hija gravi JEKK il-ferita thalli marka fil-wicc. Ghalhekk a kuntrarju tal-verbal li jinsab a fol 6 tal-process il-ferita sofferta hija ta' natura hafifa bhalma jirrizulta mic-citazzjoni pprezentata u mhux ta' natura gravi u ghalhekk il-piena definittivament li ma tezorbitax il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex provi ulterjuri.

Id-Difiza m'ghandhiex provi xi tressaq.

Inghatat sentenza - Procediment Ezawrit.

Nadia

DEPUTAT REGISTRATUR

Nadia Ciappara
Deputat Reġistratur